MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2009

Numru. 1359/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**Vs**

**FELIX LIA ta' 51 sena iben Raphael u Giovanna nee' Scicluna imwieled Pieta fit-30 ta' Lulju 1957 u li joqghod numru 4, Triq ic-Cimiterju, Zabbar dententur tal-karta ta'l-identita' 525357(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Felix Lia li permezz taghha huwa gie akkuzat talli f'xi hin fl-ghodwa tat-13 ta' Ottubru 2007 mill-fond numru 8 , Misrah il-Knisja, Luqa ikkometta serq ta' kwantita' ta' gojellerija, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, li jeccedi l-elf lira Maltin, bil-persuna u bil-lok u liema serq sar ghad-dannu ta' Antonia Polidano u/jew ta' persuni ohra.

Rat id-dokumenti esebieti u l-atti kollha ta’ dan il-procediment.

Semghet il-provi.

Rat l-Artikoli tal-Ligi mibghuta mill-Avukat Generali tas-27 ta’ Marzu 2008.

Semghet illi l-imputat ma kellux oggezzjoni illi dana il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputat huwa akkuzat illi seraq kaxxa mimlija gojellerija mir-residenza tal-parti leza Antonia Polidano li hija mara anzjana ta’ seba u sebghin sena. L-imputat kien gie inkarigat jaghmel xi xoghol ta’ tibjid fir-residenza ta’ Polidano. Fost affarijiet ohra huwa kien gie inkarigat jizbogh kamra tas-sodda li Polidano tallega li kienet ilha izommha imsakkra minn mindu miet zewgha. Hija biss kellha cavetta ghal dina l-kamra u hadd hliefha ma kien jidhol hemmhekk lanqas uliedha. F’dina il-kamra hija kienet izomm dina l-gojellerija, xi bjankerija gdida u anke il-flus. Il-kaxxa tad-deheb kienet izommha taht il-gwardarobba lejn nofsha fuq in-naha ta’ gewwa. Il-kaxxa kienet gewwa borza tal-plastic u quddiemha kienet tpoggi xi zraben.  F’xi hin waqt li l-imputat kien jinsab ghandha hija idnunat li dina l-kaxxa bil-gojellerija kienet nieqsa u ghalkemm gibbdet l-attenzjoni ta’l-imputat ghal dana il-fatt huwa baqa’ ighidilha illi l-kaxxa ma kienx raha.

Huwa fatt mhux ikkontestat illi l-imputat wasal ghand Polidano ghal habta tas-sebgha ta’ fil-ghodu. Ghalkemm l-imputat jikkontendi illi wasal wahdu, ix-xhieda l-ohra jindikaw illi huwa gie fuq il-post ma’l-imghallem tieghu u iben Polidano, certu Anthony. Hawnhekk hawn ukoll diskrepanza bejn ix-xhieda tal-prosekuzzjoni stess. Illi l-anzjana tghid illi ma’ l-imputat kien gie ukoll it-tifel taghha sabiex jindikalu x-xoghol li ried jaghmel. Anthony Polidano

fix-xhieda tieghu l-ewwel ighid illi kien mar biss ghal habta tad-9:00a.m. sabiex jiehu xi borza siment lill-imputat, izda imbaghad in kontro-ezami ighid illi kien mar fil-ghodu ma'l-imputat u Leo Camilleri sabiex jaraw x'xoghol kellu isir. Jidher illi ftit wara l-imputat kien baghat lil Polidano tixtrilu pinzell u bott zebgha. Hija ghamlet dana, izda ghal habta ta'l-ghaxra huwa qalilha illi l-pinzell kien zghir u ried wiehed ikbar u rega baghtha tixtri. Polidano isostni illi kien ftit tal-hin wara li giet lura illi hija bdiet tnaddaf u indunat illi l-kaxxa kienet nieqsa. Ghalhekk gibdet l-attenzjoni ta'l-imputat ghal dana il-fatt, izda l-imputat qalilha illi huwa ma kienx sab l-ebda kaxxa. L-imputat min-naha tieghu isostni illi Polidano kienet qaltlu li l-kaxxa kienet nieqsa ftit tal-hin wara li kien wasal fuq il-post u fl-ebda hin ma qaltlu x'kien fiha dina l-kaxxa. Polidano tkompli tghid illi ghal habta tal-hdax wara li kienet qalet dana id-diskors lill-imputat dwar il-kaxxa nieqsa, l-imputat ried jitlaq qabel ma kien lesta ix-xoghol kollu li kellu jaghmel, izda meta cempel lill-imghallem tieghu, l-imghallem ma halliehx jitlaq peress illi kien qallu li l-bieb kien ghadu ma zebghux. Hawnhekk l-imputat rega' bghat lil Polidano tixtrilu pakkett poly filler. Waqt li kienet barra l-anzjana iltaqghet man-neputija taghha u qaltilha l-istorja dwar il-kaxxa. Meta marret lura d-dar Polidano tghid li baqghet tfittex din il-kaxxa. Ghal habta tas-siegha u nofs ta' wara nofs in-nhar l-imputat telaq minn ghandha. Ftit tal-hin wara huwa rega' gie lura peress illi nesa it-telefon cellulari warajh. Jidher illi wara li sehh dana kollu Polidano tkellmet dwar il-preokupazzjoni taghha ma' uliedha li issuggerewlha taghmel rapport lill-pulizija. Il-pulizija arrestaw lill-imputat. Gie interrogat f'zewg okkazzjonijiet u saret anke tfittxija kemm fir-residenza tieghu, kif ukoll fil-vettura tieghu aktar tard fil-ghaxija, izda dawn irrizultaw fin-negattiv.

Huma dawn il-fatti li jemergu mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni. L-imputat min-naha tieghu jichad kategorikament illi huwa seraq dina l-kaxxa tal-gojelli, kemm fiz-zewg stqarrijiet rilaxxjati minnu, kif ukoll fix-xhieda moghtija minnu quddiem il-Qorti. Provi ohra ma hemmx. Ma hemm l-ebda xhud li ra lill-imputat imiss dina l-kaxxa. Ma hemm l-ebda marki tas-swaba jew provi ohra indizzjarji li jippuntaw subaghjhom lejn l-imputat. Ma

instab xejn mill-oggetti misruqa fil-pussess ta'l-imputat. Il-prosekuzzjoni ghalhekk qed issotni madanakollu illi f'dan il-kaz hemm bizzejjed presunzjoni ta' fatti li jistghu iwasslu ghal sejbien ta' htija. Fid-dottrina Ingliza dina hija imsejjha ***"presumptions of fact"***. Kif ighid il-Cross: ***"These are all inferences which may be drawn by the tribunal of fact. It is not obliged to draw them as a matter of law even if there is no further evidence." (Cross - "On Evidence")*** Dina id-dottrina ghalhekk tqum fejn ***"l-fatti ippruvati ikunu fihom infushom tant elokwenti li l-interpretazzjoni logika u naturali taghhom necessarjament u ragjonevolment twassal ghal prova fi grad sodisfacenti ta' certu fatti." (Il-Pulizija vs Brian Tonna – App.Krim 26/04/2007)***

Il-presunzjoni ta' htija skond il-prosekuzzjoni temergi mis-segwenti fatti:

1. Il-kamra tas-sodda fejn Polidano kienet izomm dina l-kaxxa, hija kamra li tinzamm dejjem imsakkra. Hadd ma jidhol f'dina il-kamra ghajr Polidano innifisha li ghandha ic-cavetta ghall-istess. Lanqas uliedha stess ma jithallew jidhlu f'dina il-kamra.

2. Kien biss l-imputat li thalla wahdu f'dina il-kamra ghal xi hin, meta gie inkarigat jaghmel xi xoghol ta' tibjid fiha. Hadd iktar ma dahal hemm gew ghajr Polidano innifisha.

3. Polidano issostni illi l-kaxxa kienet f'postha qabel ma wasal l-imputat u l-ahhar li kienet rat il-kaxxa kienet xi jumejn qabel. F'dan it-trapass taz-zmien u cioe' bejn l-ahhar darba li rat il-kaxxa u il-gurnata meta gie l-imputat jahdem f'dina il-kamra, hadd hliefha ma dahal hemm gew ghax il-kamra kienet imsakkra.

4. L-imputat baghat lil Polidano tixtrilu xi affarijiet sabiex ikun jista' jizbogh f'tlett okkazjonijiet. Kienet wara it-tieni okkazzjoni illi Polidano indunat li l-kaxxa kienet nieqsa u gharrfet lill-imputat b'dana.

5. L-imputat ried jitlaq minn fuq il-post u ma temmx ix-xoghol li kien gie inkarigat jaghmel ghal habta tal-hdax ta’ fil-ghodu, ftit tal-hin wara illi Polidano stqarret mieghu illi dina l-kaxxa ma setghetx issibha.

Madanakollu presunzjoni u assunzjonijiet gratuwiti ma jistghux jikkostitwixxu prova fil-process kriminali, anke jekk jezistu indikazzjonijiet jew indizji qawwija u juru li dak li qed tallega u tippresuponi l-prosekuzzjoni tassew setghu kienu reali jew minnhom. Il-Qorti trid tkun konvinta moralment u minghajr dubbju ragjonevoli li dak li huwa attribwiet li gara, kien verament hekk. Il-Qorti trid tara jekk l-allegazzjoni maghmula mill-parti leza illi kien l-imputat li serqilha il-kaxxa tal-gojellerija, tistax tigi accettata bhala fatt bla ebda dubbju, lanqas wiehed ragjonevoli. Fil-kamp kriminali il-provi ghandhom ikunu cari, specifici u diretti b’mod li jeliminaw kull dubbju u tali li l-gudikant ikun moralment konvint mir-responsabbilta’ kriminali ta’l-imputat. Tista’ allura din il-Qorti tkun f’din il-posizzjoni meta bhala provi il-prosekuzzjoni ressqet biss il-fatti fuq esposti li qed tghid huma assodati bizzejjed li wahedhom ghandhom iwasslu lil din il-Qorti biex tkun f’tali posizzjoni?

Fil-fatt, l-fatti kif esposti mill-prosekuzzjoni huma kollha kontradetti mill-imputat.

1. L-imputat isostni illi huwa wasal wahdu fil-ghodu ghal habta tas-sebgha. Kienu biss ghal habta tad-disgha ta’ fil-ghodu illi gie it-tifel tal-parti leza Anthony Polidano sabiex igiblu xi siment u ftit wara gie l-imghallem tieghu Leo, igiblu xi materjal iehor, izda madanakollu ma dahalx gewwa. L-imghallem ta’l-imputat Leo Camilleri, min-naha tieghu isostni illi huwa mar fuq il-post ma’l-imputat fis-sebgha ta’ fil-ghodu sabiex jindikalu ix-xoghol li kellu isir. Kien hemm ukoll iben Polidano f’dak il-hin. Anthony Polidano, min-naha tieghu, ighid fix-xhieda tieghu illi huwa mar fuq il-post ghal habta tad-disgha ta’ fil-ghodu meta cempillu Leo u tallbu jiehu xkora siment (ara xhieda fol.35). Imbaghad meta jixhed in kontro-ezami (fol.76 u 77) ighid illi huwa mar ghand ommu ghal habta tas-sebgha ta’ fil-ghodu ma’ Leo. Telghu fuq il-bejt, wrewh ix-

xoghol li kellu isir u tellqu. Jichad illi huwa rega’ mar ghal habta tad-disgha ta’ fil-ghodu.

2. L-imputat jikkontendi illi huwa ma kienx jaf li kellu jizbogh il-bieb ukoll tal-kamra u kien biss wara li kien beda bix-xoghol illi iben Polidano talbu jizboghla il-bieb. Ghalhekk baghtha tixtrilu bott zebgha u pinzell. F’dan il-hin iben Polidano baqa’ mieghu. Imbaghad meta Polidano giet lura induna li l-pinzell ma kienx tajjeb u baghtha tbbidlu. Meta beda jizbogh il-bieb imbaghad Polidano bdiet tgorr li ma kienx gej sewwa. Kien ghalhekk li cempel l-imghallem tieghu li qallu biex jibghat lil Polidano tixtrilu borza poly filler ghax ma kellux sabiex jistokkja il-bieb. Il-Prosekuzzjoni min-naha taghha tressaq provi illi ix-xoghol fuq il-bieb kien gie miftiehem mal-ewwel, izda l-imputat ghal habta tal-hdax ta’ fil-ghodu ried jitlaq minghajr ma lesta il-bieb, izda meta cempel lill-imghallem tieghu Leo Camilleri u gharrfu li kien ser jitlaq, l-imghallem tah struzzjonijiet sabiex jibda u jispicca il-bieb.

3. L-imputat ighid illi huwa qatt ma baghat lill-anzjana tixtrilu l-affarijiet, izda fl-ewwel okkazzjoni kien it-tifel taghha li qalilha sabiex tmur tixtri il-pinzell u iz-zebgha u fit-tieni okkazzjoni kien l-imghallem li qallu sabiex jibghat lil Polidano tixtrilu il-poly filler. Antonia Polidano min-naha taghha tghid illi kien l-imputat li bghatha tixtri f’tlett okkazzjonijiet.

4. L-imputat iressaq bhala xhud lil bintu Nancy Zammit li issostni illi Leo Camilleri kien qalilha illi Antonia Polidano kienet diga ilha xi sighat tfittex dina l-kaxxa qabel ma dahal l-imputat fid-dar. Dana madanakollu ma jixhdux Leo Camilleri fix-xhieda tieghu.

5. L-imputat isostni illi kien ftit tal-hin wara li wasal fuq il-post u cioe’ ghal habta tat-tmienja ta’ fil-ghodu meta Antonia Polidano qaltlu li kellha kaxxa nieqsa u ma qatlux x’kien fiha dina l-kaxxa. Antonia Polidano, min-naha taghha issostni illi hija indunat illi l-kaxxa kienet nieqsa ghal habta tal-ghaxra ta’ fil-ghodu u cioe’ wara li l-imputat kien baghatha tixtri ghat-tieni darba. Hija bdiet tnaddaf u

indunat illi l-kaxxa ma kenitx f'postha. Ftit wara li gharrfet lill-imputat b'dana, huwa qalilha li kien ser jitlaq minghajr ma spicca ix-xoghol kollu li kellu jaghmel.

6. L-imputat telaq ghal habta tas-siegha u nofs ta' wara nofs in-nhar. Nesa it-telefon cellulari warajh u rega' mar lura ghalih. Fl-edba hin Polidano ma akkuzatu illi kien huwa li seraq dina l-kaxxa.

7. L-imputat isostni illi it-tifla ta' Antonia Polidano ukoll bdiet gejja u sejra ghand ommha u anke bdiet tghinha tnaddaf. Il-Prosekuzzjoni ma tressaqx provi f'dana ir-rigward, lanqas bint Polidano ma xehdet. L-uniku persuna li l-Prosekuzzjoni tikkontendi li zaret lil Polidano kienet in-neputija taghha Liliana Farrugia li tghid li zaret liz-zija taghha ghal habta ta'l-ghaxra neqsin kwart. F'dana il-hin hija ma semmiet xejn dwar dina l-kaxxa, izda kien biss iktar tard ghal habta ta' nofs in-nhar meta iltaqghet maz-zija barra li hija infurmataha dwar il-kaxxa.

Illi minn dana kollu johrog kunflitt evidenti bejn ix-xhieda migjuba mill-Prosekuzzjoni u dik imressqa mid-difiza. Il-Qorti ghalhekk ma tistax tistrieh fuq presunzjoni ta' fatti li huma ghal kollox kontradetti mill-imputat – fatti li del resto lanqas huma cari fl-esposizzjoni taghhom, tant illi anke ghar-rigward tal-hinijiet u l-persuni li zaru lil Polidano f'dak in-nofs ta' nhar ta' fil-ghodu hemm certu kunflitt. Illi tali provi ghalhekk ma jistghu qatt iwasslu lil dina l-Qorti ghal konviciment morali lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni dwar il-htija ta'l-imputat.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn fuq migjuba, l-Qorti qed tillibera lill-imputat mill-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------